MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1107/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Miriam Caruana**

**Kumpilazzjoni Nru: 1107/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Miriam Caruana,** ta' 30 sena, bint missier mhux maghruf u Sally nee' Caruana, imwielda Pieta' fl-20 ta' Novembru 1983, residenti fil-fond numru 35, Triq il-Gendus, Valletta u detentrici tal-Karta ta'l-Identita' bin-numru 14784M.

Akkuzata talli fiz-Zejtun f'Settembru 2014:

Ikkommettiet serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, il-lok u l-persuna, ghad-dannu ta'  Teresa Grech miz-Zejtun;

Fl-istess zminijiet u cirkostanzi xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputata bhala wahda li kisret kundizzjoni mposta fuqha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta moghtija mill-Magt. Dr. A. Micallef Trigona LL.D. fid-29 ta' Novembru 2012 kif ukoll li rrendiet ruhha recediva b'sentenza tal-Qorti ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar it-13 ta' Novembru 2014 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha hlif ghat-tieni wahda u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat il-verbal ta' l-istess udjenza tat-13 ta' Novembru 2014 meta l-prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq.

Rat id-dokumenti esebieti

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha hlif ghat-tieni wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi t-tieni imputazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-ewwel wahda li giet ammessa; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali taghha. Min-naha l-

ohra hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta'l-imputata mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputata lesta li thallas l-ammont derubat u jidher li qed taghmel dak kollu li tista' biex tirriabilita lilha nnifisha definittivament mill-vizzju tad-droga; f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghtiha l-ahhar opportunita biex tkompli fi triq tar-riabilitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(e)(f), 267, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghha u tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijijet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li thallas l-ammont derubat. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed taghzel li ma titrattax ma'l-imputata ghar-reati li taghhom kienet instabet hatja fid-29 ta' Novembru 2012.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------